# 38. L-Art Imbegħda

Kellhom il-fidi f'qalbhom f'art imbegħda,
u taru 'l fuq u siefru, u fuq ġwenħajhom
damu mat-tlitt ijiem jittajru dejjem
bla serħ, bla hedu.

Batew ir-riħ, batew ix-xemx u x-xita,
batew il-ġuħ u l-għatx, batew il-għeja,
batew in-ngħas, il-qtugħ ta' qalb, id-diqa,
iżda ittamaw.

U fl-aħħar mis-smewwiet raw art titfaċċa,
f'nofsha għadira kbira kaħla u ħadra
bħas-sider tal-farruġ, imdawwar siġar
id-dawra mejt

Bil-friegħi kollha ward jitkaxkru fl-ilma,
u blat miżgħud bil-ġilji kollhom fwieħa
"Xi ġmiel u ferħ!", għajtu l-borok imsaħħra
fin-nir tas-sema.